# IĊ-ĊAGĦKA

*Diċ-ċagħka iebsa*
*Ġe' qiegħ idejja,*
*Taf minn fejn ġejja?*
*Mill-baħar, Pin;*

*Ilha titliegħeb*
*Mal-mewġiet sewwa.*
*U dawn ġarrewha*
*Għal bosta snin.*

*Ġe' qiegħ il-baħar*
*Bint blata tqila*
*Fejn kienet ilha,*
*Rat bosta ħut;*

*Hemm ġriet u tgerbet*
*B'qawwet il-baħar,*
*Li dan jiftaħar*
*Jagħleb ix-xtut!*

*Kemm rat fix-xefaq*
*Ġe' l-lvant ħamrani*
*Jidher bajdani*
*L-wiċċ kbir tax-xemx;*

*U sħab deh'bieni*
*Imewweġ fl-ilma,*
*U jibqa' jilma*
*Jekk ma jintemmx!*

*Imbagħad id-dgħajjes*
*B'lenez u mtielaq,*
*Nases u ġwielaq*
*Għas-sajd sejrin;*

*Wara, s-sajjieda*
*Irġiel felħana,*
*Jaqdfu ferħana*
*Lura ġejjin.*

*Qatt ma rat mgħażqa,*
*Serrieq, inkwina,*
*Xifa, sikkina,*
*Jew xi lembut;*

*U lanqas kotba,*
*Arpi, kuluri,*
*Skriepel, muturi,*
*Jew xi tebut.*

*Daqqa nġazzata,*
*Oħra mikwija,*
*Dejjem minsija*
*Ma jfittxha ħadd;*

*Malli x-xemx tinżel*
*Minn fuq il-baħar,*
*Tidħaq lill-qamar*
*Minn ħdejn ix-xatt.*

*Taf lill-Feniċi;*
*'L Atene u Ruma*
*Rathom maħkuma*
*Miż-żmien li mar;*

*Rat l-iġfien Torok*
*Jeħduha magħna,*
*U għad li setgħana*
*Jgħibu bħaċ-ċpar.*

*Ġnus taf bil-bosta*
*Għorrief, għalliema,*
*Beżlin, ħakkiema*
*Li kienu żgħar.*

*Oħrajn taf ġwejjef,*
*Dgħajfin, biċċiera,*
*Jaqgħu ilsiera*
*Ta' oħrajn kbar.*

*Għalkemm il-bniedem*
*Ikun wisq xwejjaħ,*
*Din, lilu ssejjaħ*
*B'wieħed miż-żgħar;*

*Lil ħutha l-kwiekeb*
*Ix-xemx u l-qamar,*
*L-ajru wil-baħar*
*Biss tagħraf kbar.*

*'Ma ż-żmien għad jibdlek,*
*Ja ċagħka xiħa;*
*U għalkemm int sħiħa*
*Ramel issir;*

*Fdalek jitħallat*
*Ma' ta' ċagħak ieħor,*
*Bħar-rmied ħaddieħor*
*Ma' fdali u l-ġir!*

Ġużè Borg.

———:0:———